MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 13

17 ta' Diċembru 2013

Minuti tas-seduta Nru.13 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar - li kienet skużata. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 11.2. tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li tkomplew il-kuntatti dwar l-attivitajiet fuq is-siti elettroniċi di-ve.com, l-News, il-ġurnali Times of Malta, Malta Today, Illum u l-magazin Christmas Times. Stqarrijiet għall-istampa ġew ippubblikat fuq il-ġurnali kollha mingħajr ħlas. Qal li fit-2 ta' Diċembru 2013 ser issir konferenza stampa li għaliha ser jattendi s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor Jose` Herrera - bil-għan li l-attivitajiet jitħabbru uffiċjalment. Is-Sur C. Bartolo stieden lill-kunsillieri kollha sabiex jattendu. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li qed isiru kuntatti sabiex jiġu ppubblikati artikli bi ħlas fuq il-ġurnali ewlenin.*

*11.3. Is-Sur C. Bartolo qal li minbarra għotja ta' €7,000 taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, sad-data tas-seduta kien hemm sponsorship ta' €200 minn Vodafone Ltd u €500 mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu. Intqal ukoll li aparti l-għaqdiet, kull minn ser ikollu posta biex ibiegħ, ser jintalab kontribuzzjoni ta' €50.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 12, bl-emenda t'hawn fuq. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Kontroll fuq il-popolazzjoni tal-qtates (A/9)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti fejn intalab il-parir tal-*Animal Welfare, Promotion and Services Directorate* dwar l-posizzjoni tal-istess direttorat fuq l-isterilizzazzjoni tal-qtates. Permezz ta' *e-mail* datat 2 ta' Diċembru 2013, l-istess direttorat wieġeb li huma favur dan it-tip ta' intervent għaliex huwa mezz effettiv biex tiġi

kkontrollata l-popolazzjoni, it-tixtrid tal-mard u l-mod kif iġibu ruħom l-annimali. It-tweġiba mogħtija tkompli tgħid li għalkemm attwalment m'hemm ebda obbligu skont il-liġi biex isir dan, minn April 2014 ser jiġu ppubblikati regolamenti sabiex klieb u qtates ta' ċertu eta` miżmuma f'santwarji jiġu sterilizzati.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li Kunsill Lokali tal-Mellieħa ngħata t-tieni premju għall-kontribut mogħti fl-isports matul l-2013. Il-premjijiet ġew ippreżentati fit-30 ta' Novembru 2013.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Reviżjoni tal-kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XIV)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-Sur Pawlino Mifsud ġibed l-attenzjoni li huwa persuna nominat biex jingħata onorefiċenza, u għalhekk ma xtaqx li jifforma parti mill-kumitat li twaqqaf apposta. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li dan jiġi sostitwit mis-Sinjura Silvia Gauci. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li s-Sur Joseph Borg u Dr Jonathan Vella aċċettaw li jservu fuq il-kumitat.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li meta tiġi appuntata l-ewwel laqgħa tal-kumitat għandha tintbagħat kopja tal-kriterji attwali, kif ukoll il-formola tan-nominazzjoni.

## 2.4.1. Ġirja tal-President b'riżq il-*Community Chest Fund* (K/11)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li minħabba l-maltemp kellha titħassar il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilita` mill-Mellieħa fl-avveniment imsemmi minħabba l-vulnerabilita` tagħhom. Huwa qal ukoll li s-servizz ta' *minibus* li kien intalab għal dan il-għan, ġie għaldaqstant ikkanċellat.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.5.1. Preżentazzjoni ta' kotba lil Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-23 ta' Diċembru 2013 fl-10.00am, membri mill-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, ser jippreżentaw kotba għal-librerija pubblika tal-Mellieħa.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)

2.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li l-Kunsill jinvesti fix-xiri ta' kanvas bil-għan li l-*multi-purpose court* ma jinfaqax bix-xita u konsegwenza ta' dan ma jkunx jista' jintuża minħabba li jiġi perikoluż. Is-Sur H. Fenech issuġġerixxa wkoll li jiġi nstallat arloġġ tal-elettriku li jiffunzjona permezz ta' card, speċifikament għall-*floodlights* tal-*court*.

2.6.3. Is-Sindku qal li l-proposti msemmija ser jiġu kkonsidrati.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 14/12/13;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 02/10/13 – 12/12/13
- Skeda ta' Pagamenti – 23/11/13 – 14/12/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Offerti – Sejħa Nru. 7/2013 – Servizz dwar il-Ġbir ta' Skart Goff;
- Skeda ta' Offerti – Sejħa Nru. 8/2013 – Kiri ta' Tinda – Milied Mellieħi 2013

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tismija ta' toroq fix-Xatt ta' Santa Marija u Dawret it-Tunnara (T/4/1/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 9 ta' Diċembru 2013 mibgħut minn Maltapost plc, fejn inġibdet l-attenzjoni li hemm *boathouses* taħt il-livell tat-triq, kif ukoll numri tal-bibien illi huma duplikati ma' residenzi li huma fil-livell tat-triq, liema sitwazzjoni qed toħoloq konfużjoni fit-tqassim tal-posta. Għaldaqstant saret rakkomandazzjoni lill-Kunsill sabiex jitlob li l-*boathouses* jiġu mqassma f'sezzjonijiet differenti li faċilment wieħed ikun jista' jiddistingwi.

4.1.3. Filwaqt li l-Kunsill apprezza d-diffikultajiet li qed issib il-Maltapost, kien tal-fehma li din il-materja għandha tiġi trattata mid-*Door Numbering Unit*, peress li l-mogħdijiet kollha li hemm quddiem il-*boathouses*, bejn l-inħawi tal-Imxaxa sa Ta' Gerbulin ma jidhrux bħala toroq skemati fuq il-pjanti tal-MEPA. F'dan il-każ, ma jkunx f'loku li ssir tismija uffiċjali tal-mogħdijiet in kwistjoni, iżda li ssir biss numerazzjoni tal-bibien marbutin mal-ismijiet tat-toroq li diġa għandhom isem.

### 4.2.1. *Bring-In Sites* fiż-żoni tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax (K/6/10/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 28 ta' Novembru 2013, mibgħuta minn Armier Developments Ltd, fejn tennew li l-*iskips* għall-iskart reċiklabbli tneħħew minn Ramlet il-Qortin, fl-Armier iż-Żgħir u fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, mingħajr konsultazzjoni. Ilmentaw wkoll li qed isibuha diffiċli sabiex jikkomunikaw ma' Green MT Ltd li tħaddem l-iskema.

4.2.3. Is-Segretarju aċċenna li wara laqgħa illi saret mal-Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd – is-Sur Joe Attard - f'Lulju 2013 dan is-suġġett ma kienx ġie imqanqal minkejja li kien hemm diskussjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim li jkopri bejn Jannar 2013 u Dicembru 2014. Kompla jgħid ukoll li fl-istess laqgha, kienu ġew diskussi wkoll l-ammonti ta' flus dovuti lill-Kunsill taħt l-istess ftehim, ossija dawk marbuta mal-piż ta' skart li qabez il-kwota stabbilita ta' 3,100kg matul is-sena 2012 li tammonta €9,628.20, kif ukoll is-somma ta' €1,000 li kellha tithallas mal-iffirmar tal-ftehim. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li l-posizzjoni dwar il-*litter bins* għas-separazzjoni tal-iskart fl-Għadira m'hijiex ċara biżżejjed.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mas-Sur J. Attard u persuna fuq il-bord tad-diretturi ta' Green MT Ltd.

### 4.3.1. Tibdil fil-kuntratt dwar il-Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti biex il-Kunsill ġie mgħarraf li l-iskeda tal-ftuħ tal-latrini inqasmet fi tlieta sabiex ikun hemm iktar użu effettiv tar-riżorsi bl-anqas nefqa possibbli. Għaldaqstant din tqassmet bejn Novembru u Marzu, April u Mejju, u bejn Ġunju u Ottubru biex it-total tas-siegħat ikun 6,636 fis-sena. Is-Sindku spjega li din l-iskeda tinvolvi l-ftuħ regolari tal-latrini fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata bejn Novembru u Marzu fil-Ħdud biss bejn id-9.00am u s-7.00pm. L-iskeda tesiġi wkoll li jkun hemm *attendant* wieħed ibbażat f'Tal-Mixquqa bejn Novembru u Mejju, filwaqt li jkun hemm żewġ *attendants* ibbażati f'Tal-Mixquqa u Għadira (San Remo) fil-kumplament tas-sena. Is-Sur J. Buttigieg qal li din il-proposta, flimkien mal-Pjan B, li jinvolvi s-sejħa għall-offerti biex jingħata kuntratt apparti għal-latrina Tal-Mixquqa, ser jiġu diskussi mal-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd f'laqgħa li ser issir fit-23 ta' Diċembru 2013.

4.3.3. Il-Kunsill approva l-iskedi deskritti mis-Sindku, liema skedi tqassmu qabel is-seduta.

### 4.4.1. Art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Frangisk Xuereb u Triq l-Għasel (P/4/27)

4.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rreferera għal *e-mail* datat 10 ta' Diċembru 2013, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'referenza għall-abbozz tal-*commodatum* dwar utilizzazzjoni tal-art imsemmija, liema abbozz ġie mgħoddi mill-Kurja Arċiveskovili. Huwa spjega li d-Dipartiment ġibed l-attenzjoni għat-test tal-abbozz dwar il-Klawsola Nru. 2, fejn qed jingħad li l-kommodat qed jingħata għall-perjodu ta' tletin sena, liema perjodu

jista' jiġi estiż biss bil-kunsens espress u bil-miktub tal-konċedent fid-diskrezzjoni assoluta tal-istess konċedent.

4.4.3. Id-Dipartiment ġibed l-attenzjoni illi soġġett għall-verifiki finanzjarji tal-istess Kunsill Lokali, meta jitqies illi dan il-ftehim se jkun għal tletin sena biss u jista' jiġi estiż fid-diskrezzjoni assoluta tal-konċedent, issuġġerixxa illi wara l-ewwel klawsola tidħol oħra bil-kliem segwenti:

> *"Dan il-fond kollu msemmi f'din l-iskrittura għandu jkun dejjem miftuħ u aċċessibbli għall-pubbliku skont ir-regoli u l-Liġijiet ta' Malta, mingħajr barrieri illi jwaqqfu l-istess pubbliku mill-istess aċċess."*

4.4.4. Id-Dipartiment talab li jissemma l-fond kollu biex ikun hemm referenza għall-*area* kollha. Bir-regoli u Liġijiet wieħed jifhem l-liġi u reġolamenti dwar l-opportunitajiet indaqs u bħal dawk li jirrigwardaw is-sigurta` fil-*playgrounds* u postijiet pubbliċi. L-aħħar parti hija miżjuda sabiex l-ispirtu tal-klawsola dwar l-aċċessibilita' tal-pubbliku tkun emfasizzata.

4.4.5. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi t-test kif emendat lill-Kurja.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 14 ta' Diċembru 2013.

5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ndika li l-interess indirett tiegħu fir-rigward ta' item 41 u għalhekk astjena mid-deċiżjoni dwaru.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-23 ta' Novembru u l-14 ta' Diċembru 2013.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ndika li l-interess indirett tiegħu fil-fornitur ta' item 47 u għalhekk astjena mid-deċiżjoni dwaru.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

7.2. Is-Sindku rrefera għall-abbozz tal-ftehim li ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta. Huwa qal li dan ġie diskuss waqt laqgħa li saret fid-9 ta' Diċembru 2013 mas-Sinjuri Ernest Vella u Kenneth Fenech mill-Fondazzjoni ARKEO. Għall-istess laqgħa attenda wkoll il-Kunsillier D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li l-Fondazzjoni pproponiet li l-ftehim magħha jkun għal sentejn, u sussegwentement jiġġedded għal tliet snin. Qablet ukoll li l-poloz tal-assikurazzjoni dwar il-binjiet infushom tipprovdihom il-Fondazzjoni, filwaqt li l-Kunsill ikun responsabbli għall-*areas* tal-madwar permezz ta' poloz li diġa għandu.

7.3. Il-Kunsill approva wkoll il-kontenut tad-Dokument "D" tal-ftehim fejn hemm stabbilit il-ħlas tad-dħul fil-postijiet koperti fl-istess ftehim.

7.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-proprjeta` li ser tkun qed timmaniġġja l-fondazzjoni ġġorr magħha kirjiet li jikkonsistu kif ġej:

| Proprjeta` Nru. | Deskrizzjoni tal-Proprjeta` Devoluta | Kera Pagabbli |
|---|---|---|
| E26331 | *Pill Box* tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-Ballut tal-Imġiebaħ | €50 |

| | | |
|---|---|---|
| E21432 | *Pill Box* tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-aċċess għaliha f'Selmun | €250 |
| E21433 | Diga u passaġġ għall-ilma tax-xita fil-Ballut tal-Imġiebaħ | €250 |
| E21434 | Kumpless ta' irżieżet f'Selmun | €1,200 |
| E21439 | Miġbħa antika u l-aċċess għaliha minn Triq l-Imġiebaħ | €100 |
| E21440 | Ċikken flimkien mal-Bir tal-Ħnejja f'Selmun | €100 |
| E21441 | *Beachpost* tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-art li hemm biswitu jħarsu fuq il-Bajja tal-Imġiebaħ | €250 |
| | Total | €2,200 |

7.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju ma jkunx f'loku li l-kera annwali jiġi rkuprat mingħand il-Fondazzjoni, qabel issir evalwazzjoni tar-riżultati li jinkisbu. Kien hemm qbil li għandha titressaq mozzjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim relattiv.

## 8.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi bejn l-20 u l-25 ta' Diċembru 2013 (A/5/3/6/Vol III)

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li komplew t-tħejjijiet bit-tqassim tal-fuljetti ta' promozzjoni, liema l-istampar tagħhom ġie sponsorjat mis-Seabank Group. Fit-2 ta' Diċembru saret konferenza stampa fl-uffiċju tal-Kunsill, li għaliha li ġiet indirizzata mis-Sindku, l-Onor Jose` Herrara, filwaqt li s-Sur C. Bartolo ta' ħarsa lejn il-programm tagħha. Fil-laqgħa ta' kortesija li saret lill-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu George Abela, sar aċċenn ukoll għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2013, kif ukoll parti mid-dħul li ser jagħmlu l-għaqdiet li ser ikunu taħt it-tinda, ser imur b'rizq il-*Community Chest Fund*.

8.3. Tqassmu wkoll l-inviti għall-ftuħ tal-attivitajiet fil-Knisja tal-Manikata fl-20 ta' Diċembru, fejn ser jieħdu sehem il-korijiet tal-kbar u tfal immexxija minn Christene Cuschieri u Erica Vella, kif ukoll is-sopran Susan Bonello.

8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li għandhom jittieħdu l-opportunitajiet kollha possibbli biex Milied Mellieħi 2013 jingħata pubbliċita` fuq il-mezzi tax-xandir.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:

***"Billi l-Kunsill iddeċieda li joganizza serje` ta' attivitajiet bl-isem ta' Milied Mellieħi 2013 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, bl-użu ta' tinda ta' kejl: 60 metru bi 15-il metru;***

***Billi saret sejħa għall-offerti (8/2013) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009; u***

***Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 jeżisti vot għall-Attivitajiet Kulturali (3370);***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mad-ditta T.E.C. Ltd sabiex jingħata s-servizz imsemmi bejn it-18 u s-27 ta' Diċembru 2013, bi spiża ta' €6,900.".*** **(A/5/3/6/Vol III)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Gauci.

**10.1. Prioritajiet fil-proġetti kapitali bi tħejjija għall-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għall-2014 (F/1/25)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li attwalment għaddej bit-tħejjija tal-estimi għas-sena finanzjarja 2014, tant li diġa ġiet stabbilita n-nefqa rikorrenti. Huwa għalhekk appella lill-Kunsill sabiex jistabilixxi l-prijoritajiet f'dik li hija nefqa kapitali bil-għan li jkun jista' jalloka l-fondi disponibbli fuqha.

10.3. Is-Sur C. Debono fakkar li filwaqt illi l-pagamenti kollha relatati max-xiri tal-estensjoni tal-uffiċċju ser jiġu konklużi f'Diċembru 2013, huwa stmat li r-rinovar tal-fond għad jirrikjedi spiża ta' €56,660, meta jittieħed in konsiderazzjoni l-kuntatt relattiv. Huwa aċċenna għall-fatt li dan ix-xogħol nbeda tard fl-2012 u għamel numru ta' xhur wieqaf sakemm reġa tkompla f'Novembru 2013.

10.4. Is-Sindku qal li bħala prijoritajiet f'dik li hija nefqa kapitali, huwa jipproponi li jitwettqu l-proġetti segwenti:

- Dwal ġodda fi Triq il-Pont, Triq Ta' Fuq il-Widien u Triq Mons. Ġużeppi Schembri. Isiru *ducts* bi tħejjija għal dwal simili fi Triq il-Qasab, Triq il-Qortin, il-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna u Triq Ta' Taħt l-Irdum. Fit-tlieta tal-aħħar għandhom jsiru dwal ġodda, billi dawk eżistenti m'humiex suffiċjenti, jew huma nieqsa għal kollox;
- Puġġaman tal-ħadid fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq Santa Marija u Triq Sant' Anna;
- Bdil tal-puġġaman tal-ġebel fi Triq Sant' Anna ma' ieħor tal-ħadid;
- *Resurfacing* ta' Triq il-Wied Ta' Ruman, Triq il-Marlozz, Triq il-Qarnit u Triq is-Sajjieda;
- *Floodlighting* tal-knisja fil-Manikata;
- C*ulverts* għall-ilma tax-xita fi Triq l-Etna, Triq il-Qortin, Triq Għajn Żejtuna u fi Triq il-Manikata;
- Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni, minn Triq Salvinu Vella sal-Bitħa tas-Santwarju;

10.5. Is-Sur J. Buttigieg, qal li hemm proġetti oħra li għandhom fi stadju ta' tħejjija u għalhekk mhux mitenni li matul l-2014 ikun hemm xi nfieq sostanzjali fuqhom. Fost dawn hemm:

- It-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata u l-parkeġġ ta' taħt l-art;
- Ir-restawr tat-Torri l-Abjad; u
- Post ta' rikjrejazzjoni fiż-żona ta' Mellieħa Heights fuq l-art konfinanti minn Triq Mons. Franġisk Xuereb, Triq in-Naħal u Triq l-Etna

10.6. Is-Segretarju fakkar li ċerti proġetti, mibdija mill-Kunsill preċedenti għadhom jirrikjedu nefqiet relattivament żgħar biex jiġu konklużi, jew biex jiġu attrezzati aħjar, bħalma huwa:

- Ġnien Ħidmet il-Volontarjat; u
- Sistema ta' *CCTV* għall-Park tal-Familja.

10.7. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li jsir investiment fis-sistema tal-I.T. tal-uffiċċju, partikarment biex jinbidlu l-kompjuters tar-*reception* u dawk tal-*back office*.

10.8. Is-Segretarju aċċenna li fl-2013 sar *hub* ġdid li jiġbor fih in-*network* tat-telefon, *CCTV* u l-kompjuters biex inkopora fih l-estensjoni l-ġdida. Huwa qal li biex is-sistema tal-kompjuter tkun aktar sikura, jeħtieġ li jiġi nstallat *server* bil-faċilita` li d-*data* tinġabar kollha fih, bil-kapaċita` ta' żewġ *backups* sinkronizzati flimkien, f'każ li jintilef wieħed minnhom.

10.9. Is-Sindku aċċenna wkoll dwar il-ħtieġa li jsir tindif u tiswijiet fl-Għajn tal-Mellieħa, kif ukoll fil-ħajt fejn hemm it-taraġ li jwassal għall-Triq Dun Franġisk Sciberras. Is-Segretarju qal li dan ser jiġi pprovdut għalih taħt il-vot tat-Tiswijiet u Manutenzjoni (2300).

10.10. Il-kunsill approva l-proposti mressqa.

### 11.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju/Settembru 2013 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

11.3. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna għad-Dħul Ġenerali (kont 0120) u staqsa għaliex jidher żbilanċ ta' €81,881.11 mill-bidu tas-sena. Is-Segretarju wieġeb li sat-tielet kwart il-MEPA kienet għadha ma għaddietx is-somma ta' €92,658 mill-Fond għat-Titjib Urban, dovuta fuq il-proġetti ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat u l-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ.

11.4. Billi ma kienx hemm aktar mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

### 12.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill; u***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2013 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Jonathan Micallef, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2013, skont ma' jirriżulta mill-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2013, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.".*** **(Wages)**

12.2. Wara li l-Kunsill ra l-*Performance Appraisal Reports* tal-impjegati msemmija, approva l-mozzjoni mingħajr emendi, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo. Il-Kunsill osserva wkoll li fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, il-ħlas tal-*performance bonus* jeħtieġ jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali skont il-proċedura stabbilita.

### 13.1. Proġetti kapitali fil-Manikata (P/4/25)(P/4/31)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf lill-Kunsill fl-10 ta' Novembru 2013 saret laqgħa ma' uffiċjali tal-MEPA dwar il-proġett tal-*floodlighting* tal-knisja u t-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata. Il-laqgħa saret mal-uffiċjali Christene Tanti, Joseph Cassar, u Jonathan Attard, filwaqt li għan-naħa tal-Kunsill flimkien mas-Sur C. Bartolo attendew, l-Inġinier R. Curmi, l-Perit J. Attard u s-Segretarju C. Debono. Is-Sur C. Bartolo qal li mil-laqgħa deher li jkun iktar aċċettabbli għall-MEPA li jiġu evitat arbli għall-*floodlights* u minflok isiru dwal baxxi. Intalab ukoll pjan kif ser isiru trinek, filwaqt li jara li t-talba għandha tiġi trattata bħala DNO. Dwar it-tisbiħ tal-pjazza, ġew spjegati d-diffikultajiet li qed tippreżenta t-triq eżistenti, kif ukoll l-intenzjoni li din iż-żona ssir waħda pedonali u minflok jgħaddi t-traffiku kollu mit-triq il-ġdida li qed issir biswit l-istess pjazza. F'dan il-każ jeħtieġ li ssir *full development application*.

13.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

### 14.1. Andament tas-Sistema tal-Infurzar Lokali (W/3/1/Vol VIII)

14.2. Is-Sindku stqarr li qed ikun ilmenti persistenti minn fost ir-residenti u l-komunita` kummerċjali dwar atteġġjament mhux korrett fl-għoti ta' multi mill-Gwardjani Lokali, kif ukoll li l-ħidma tagħhom qed tkun ikkonċentrata fit-toroq ewlenin. Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li ssir laqgħa mal-President tar-Reġjun tat-Tramuntana is-Sur Anthony Mifsud, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun is-Sur George Abdilla, u s-Sinjuri David Soler u Raphael Carabott minn TOAD Ltd li jipprovdu s-servizz ta' l-Uffiċjal Awtorizzat.

14.3. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li huwa bl-ebda mod m'huwa kontra li jsir infurzar tal-liġijiet, sakemm dan ikun mifrux fuq il-lokalita` kollha, anke f'dawk li huma toroq sekondarji. Anke jekk isir infurzar tal-parkeġġ bil-ħin, jemmen li l-Gwardjani m'humiex qed jużaw id-diskrezzjoni tagħhom tajjeb, fis-sens li għandu jitħalla ftit ħin wara li jiskadi l-perjodu indikat fuq l-arloġġ li jitwaħħal mal-*windscreen* tal-vetturi. Min-naħa l-oħra, huwa tal-

fehma li pparkjar fuq it-*tow zones* u *double parking* m'għandu jitħalla għall-ebda raġuni. Is-Sindku lmenta li l-Kunsill mhux qed ikun involut fit-tfassil tas-servizz li jingħata bħalma kien qabel. Huwa aċċenna għall-fatt li l-Kunsill kien ifassal l-iskeda tal-ħinijiet, iżda din twaqfet, peress li kienet tigi njorata mill-Kumitat Reġjonali.

14.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li perjodu ta' 45 minuta malajr jiskadi u għalhekk jaqbel mas-Sindku, fis-sens li l-iskadenza bi ftit minuti għandha tiġi ttollerata. Huwa qal ukoll li fil-każ ta' vetturi bħal dawk tad-*deliveries* eċċ, għandhom ukoll jiġu ttollerati jekk ma jwaħħlux l-arloġġ. Huwa qal ukoll li l-ħin tas-servizz mogħti lill-Mellieħa naqas drastikament għal sagħtejn kuljum. Minbarra hekk, dan is-servizz jingħata f'ħinijiet tal-ġurnata meta jkunu l-anqas effettivi, bħal per eżempju fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar. Is-Sur E. Bartolo rrefera wkoll għal kontravvenjonijiet partikulari li ngħataw ripetotament f'interval qasir tal-ħin.

14.5. Il-Kunsillier J. Attard ikkummenta li bil-bdil frekwenti tal-Ġwardjani li jintbagħtu, dawn mhux qed ikollhom opportunita` li jsiru jafu l-postijiet kollha tal-lokalita` fejn jistgħu jsiru kontravvenzjonijiet u għalhekk qed jilliminaw ir-rondi tagħhom għat-toroq ewlenin biss.

14.6. F'dan il-punt, is-seduta ġiet sospiża sabiex ikunu jistgħu jsiru interventi mill-uffiċjali msemmija fil-minuta 14.1. aktar 'il fuq.

14.7. Is-Sur R. Carabott iċċara li s-sagħtejn servizz li tingħata l-Mellieħa jinkludu l-ħinijiet tal-vjaġġ biex il-Ġwardjan jiġi minn rħula bħalma huma Ħad-Dingli, ir-Rabat, Għargħur, in-Naxxar u l-Mosta.

14.8. Is-Sur G. Abdilla wieġeb li t-tolleranza fl-użu tal-arloġġi mhijiex aċċettabbli għaliex jekk wieħed ma jafx ir-regolamenti tat-triq, m'għandux jużaha kif jidhirlu hu. Huwa ġibed l-attenzjoni, illi biex is-sistema tkun sostenibbli ma tistax tiġi mwarrba l-ħtieġa li jkun hemm introjtu mill-kontrovvenzjonijiet li jingħataw.

14.9. Is-Sur A. Mifsud qal li huwa jaqbel li f'żoni fejn il-parkeġġ ikun limitat bil-ħin, l-użu tad-diskrezzjoni min-naħa tal-Gwardjani Lokali għanha tkun moderata. Huwa qal li jaqbel ukoll li ma għandhux ikun hemm konċentrazzjoni fit-toroq ewlenin biss. Is-Sur A. Mifsud ikkummenta wkoll li ma jaqbilx li Gwardjan Lokali jitħalla fl-istess post għal żmien twil għaliex il-familjarita` man-nies tal-post tnaqqas il-korrettezza dwar kif wieħed għandu jaġixxi.

14.10. Kien hemm qbil li għandhu jkun hemm laqgħat regolari bejn s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, l-Uffiċjal Awtorizzat u l-Kunsill sabiex ikun hemm bdil tal-informazzjoni li attwalment huwa nieqes.

## 15.1. Parteċipazzjoni f'avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VI)

15.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi għal darba oħra, il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem fil-ħames edizzjoni tal-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sur J. Buttigieg qal li nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar 2014, bejn id-9.00am u l-11.00am, tliet persuni liebsin tas-Slaten Maġi, fuq iż-żwiemel ser jieqfu fuq iż-żuntier tal-knisja f'Misraħ il-Parroċċa, fejn ser isir *re-enactment* tal-okkażjoni. Wara jkomplu fi triqthom lejn iċ-Ċirkewwa, minn fejn jirkbu l-vapur lejn Għajnsielem f'Għawdex. L-organizzaturi ta' dan l-avveniment appellaw għall-involviment tal-Kunsill fil-kiri ta' apparat tal-audio.

15.3. Il-Kunsill qabel li jagħti l-kontribut f'dan l-avveniment.

## 16.1. Attivita` karnivaleska (A/5/5/Vol VII)

16.2. Is-Sindku qal li huwa ġie avviċinat mid-diriġenti tas-Societa` Filarmonica La Vittoria u għarrfuħ li s-soċjeta` għandha l-intenzjoni li torganizza marċ fl-okkażjoni tal-karnival 2014. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li din tkun organizzata flimkien mal-Kunsill, bil-għan li fost arranġamenti oħra jiġu determinati id-data u t-toroq li minnhom ser jgħaddi l-marċ.

16.3. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment.

## 17.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

17.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħarġa li kellha ssir 10 ta' Diċembru 2013 ma saritx u minflok hija pproponiet li ssir oħra għal Presepju Bethlehem f'Għajnsielem,

f'Għawdex. Hija qalet li l-prezz tal-kbar ikun ta' €12 u tfal €7.00. Dan ikun jinkludi t-trasport u l-vapur.

17.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

17.4. L-istess kunsilliera għarrfet ukoll qed taħdem ukoll fuq ħarġa kulturali oħra għall-16 ta' Jannar 2014, li tkun tinvolvi l-Belt Valletta. Aktar dettalji dwarha jkunu jistgħu jingħataw fis-seduta li jmiss.

**18.1. Kors organizzati mill-Kunsill (E/3/1/11)(E/3/1/9/Vol IV)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li ser isir kors tal-*aerobics* b'sessjonijiet kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis, bejn il-5.00pm u s-6.00pm u jibda fl-14 ta' Jannar 2014. Hija fakkret li dan ser isir fis-sala tal-Kunsill u jkun jirrikjedi l-użu ta' aparat tal-audio.Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

18.3. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet ukoll li nbdew korsijiet tal-kompjuter għal dawk li qed jitgħallmuħ għall-ewwel darba, kif ukoll ieħor tal-E.C.D.L.

**19.1. Kompetizzjoni "*Mill-Qiegħa*" għat-tfal (P/3/2/Vol V)**

19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li r-rebbieħa tal-kompetizzjoni fil-ħarġa tal-"*Mill-Qiegħa għat-Tfal*" ta' Ottubru 2013 kienu Francesca Sant u Joseph Fenech.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. Applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett taħt il-Miżura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/23)**

20.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret sabiex tiġi rrestawrata l-Armerija fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. Huwa għarraf li t-talba kellha tiġi sospiża peress li skont ir-regolamenti tal-Miżura, il-Kunsill mhux eligibbli għaliex m'għandu ebda titolu legali fuq l-istess binja.

20.3. Is-Segretarju qal li minkejja dan, il-Kunsill jista' ikompli bil-proċedura tad-devoluzzjoni, bil-għan li jsir eliġibbli u b'hekk ikun jista' japplika mill-ġdid meta jkun hemm fondi disponibbli taħt il-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-snin 2014-2020.

20.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**21.1. Kordinazzjoni tal-ħidma fil-qasam turistiku (T/12/3)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fil-11 ta' Diċembru 2013, huwa flimkien mal-Kunsillier P. Cutajar, attendew laqgħa li ġiet imsejħa mill-Ministeru tat-Turiżmu, fejn tħabbar li l-istess Ministeru waqqaf Kumitat Nazzjonali dwar it-Turiżmu bil-għan li:

- Jindirizza l-problemi li jaffaċċjaw nies fis-settur tat-turiżmu;
- Jara li jkun hemm żamma u manutenzjoni ta' postijiet pubbliċi;
- Jikkordina mal-entitajiet pubbliċi xogħlijiet infrastrutturali; u
- Jara li jtejjeb d-dehra ta' postijiet turistiċi.

21.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jispjega li ser jitwaqqfu tliet kumitat reġjonali – Tramuntana, Ċentrali u Nofsinhar – fejn ser ikun hemm rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali, ir-residenti, mis-settur tal-lukandi u r-ristoranti u minn oqsma kummerċjali oħra. Il-Kumitat Nazzjonali ser ikun presedut minn persuna maħtur mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, filwaqt li l-membri tiegħu jkunu mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastrutura (tnejn); mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, il-Pulizija, il-MEPA. Ikun hemm ukoll żewġ rappreżentanti kull wieħed mill-Kumitati Reġjonali tat-Tramuntana u dak Ċentrali, filwaqt li dak tan-Nofsinhar ikollu erba' rappreżentanti. Rappreżentanti tal-awtoritajiet tas-saħħa, l-Ambjent, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` u entitajiet oħra, jissejħu skont il-ħtieġa.

21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |